MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta tal-21 ta' Dicembru, 2012

Numru 94/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**v.**

**Guda Taddeus Rapa**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Guda Taddeus Rapa bil-karta tal-identita' numru 45751G bin Paul u Salvina Rapa nee' Mizzi mwieled Victoria (Ghawdex) fit-2 ta' Lulju 1951 u joqghod 53 Sqaq ta' Sufina, Triq San Blas, Nadur, Ghawdex, Malta, fejn gie akkuzat talli bhala direttur tal-kumpanija **Rapa Showrooms Company Limited (C 5076)** ghas-snin **2008, 2009 u 2010** b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda naqas li jibghat il-formuli tat-taxxa skont id-disposizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u

(2) tal-artikolu 23 tal-Kapitolu 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini ta’ ’l hawn fuq imsemmi artikolu 23 naqas milli jhares id-disposizzjonijiet ta’ dawk ir-regoli;

**2.** Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-14 ta Frar 2012 fejn il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta’ tliet mija u hamsin ewro (€350) u rriteniet li in vista tal-fatt li l-imputat m’ghadux jirraprezenta lis-socjeta’ Rapa Showrooms Company Limited (C 5076) mhux il-kaz li tigi mposta multa addizzjonali. Il-Qorti issoktat billi spjegat lill-imputat *ai fini* ta’ l-Artikolu 49(2) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta’ Malta li jekk fi zmien hames snin jerga’ jinstab hati ta’ xi reat taht xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta’ l-Atti dwar it-Taxxi (sew jekk ta’ l-istess xorta sew jekk le) tinghata sentenza, b’zieda ma’ kull piena ohra, ta’ mhux inqas minn tlitt ijiem prigunerija; u jekk misjub hati ghat-tieni darba u wara, matul limsemmija hames snin, minkejja kull haga li tinsab fid-dispozizzjonijiet ta’ l-Att dwar l-*Probation*, jew f’xi legislazzjoni ohra, jinghata sentenza ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux inqas minn tlett ijiem, b’zieda ma’ kull piena ohra hlief ghal prigunerija ghal zmien itwal.

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Guda Taddeus Rapa minnu prezentat fl-24 ta’ Frar 2012 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha thassar, tannula u tirrevoka s-sentenza appellata u b’hekk tilliberah minn kwalunkwe imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

**4.** Semghet mill-gdid ix-xhieda prodotti fl-ewwel istanza u, wara talba tal-imputat appellant b’rikors tas-17 ta’ Lulju 2012 li giet milqugha minn din il-Qorti b’digriet li nghata fis-seduta quddiem din il-Qorti tal-5 ta’ Ottubru 2012, semghet ukoll lix-xhud George Borg, Assistent Direttur Inland Revenue, Victoria, Ghawdex,

**5.** Rat l-atti u d-dokumenti esebiti u semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell..

**6.** Il-fatti tal-kawza, in kwantu relevanti ghall-finijiet tal-appell, jistghu jigu riassunti kif gej:

Ghall-habta ta’ Frar 2011 sar ezercizzju mis-sezzjoni legali tal-sezzjoni tal-gbir tad-Dipartiment tal-*Inland Revenue* li minnu rrizulta li kien hemm xi socjetajiet li jhaddmu n-nies li kienu naqsu milli jibaghtu d-dokumenti li ligi tesigi li jibaghtu fl-ahhar ta’ kull sena. Wahda minn dawn is-socjetajiet kellha n-numru PE 994273 li kien jidher li jsejjah lis-socjeta’ Rapa Showrooms Company Limited u li din kienet naqset milli tibghat il-formoli necessarji lid-Dipartiment. Billi l-imputat kien jirrizulta registrat Direttur tas-socejta’ msemmija id-Dipartiment mexxa kontra tieghu ghal dawk li kienu jidhru nuqqasijiet tas-socjeta’ Rapa Showrooms Company Limited (C5076) ghas-snin 2008, 2009 u 2010.

Ikkunsidrat:

**7.** L-aggravju uniku tal-imputat appellant huwa sostanzjalment li l-ufficjali tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni kellhom zball meta fittxew lilu ghan-nuqqasijiet msemmija fl-imputazzjoni ghaliex effettivament huma riedu jiehdu passi fil-konfront tas-socjeta’ Rapa Brothers Company Limited, li ghaliha kellu jwiegeb id-direttur taghha Frank Rapa, u mhux fil-konfront tas-socjeta’ Rapa Showrooms Company Limited li ghaliha jwiegeb hu bhala Direttur taghha. Di fatti skont l-appellant in-numru tal-pagatur indikat fit-tahrika, u cioe’ 994273 ma hux tas-socjeta’ Rapa Showrooms Company Limited izda ta’ Rapa Brothers Company Limited.

**8.** Fil-kors tal-proceduri fl-appell din il-Qorti kellha l-okkazzjoni tisma’ lill-imputat jixhed u billi x-xhieda tieghu kienet perswassiva u kategorika dehrilha li kellha tinvesti ulterjorment il-kwistjoni sabiex tigi evitata xi amministrazzjoni hazin tal-gustizzja u ghalhekk laqghet it-talba tal-appellant li maghha qablet anki l-prosekuzzjoni (fol. 43) sabiex jinstema’ x-xhud George Borg, Assistent Direttur Inland Revenue, Victoria, Ghawdex.

**9.** George Borg xehed li n-numru 994273 li ghalih tirreferi t-tahrika huwa n-numru tal-PE tas-socjeta' Rapa Brothers Company Limited u fil-fatt l-azzjoni ta' infurzar kienet intiza li ssir fil-konfront ta' din is-socjeta'. Din is-socjeta' kienet waqfet thaddem l-impjegati fl-2007 u ghalhekk ma kienx hemm returns ghas-snin 2008, 2009 u 2010 x'jintbaghtu minnha lid-Dipartiment proprju ghaliex ma kienetx ghadha timpjega n-nies. Minn naha l-ohra is-socjeta' Rapa Showrooms li tissemma fit-tahrika kienet in regola u ma kellhiex formoli lura x'tibghat. Izda billi l-imputat kien id-Direttur kemm ta' Rapa Showrooms kif ukoll ta' Rapa Brothers tharrek hu izda bhala fatt it-tahrika kienet intiza ghal Rapa Brothers li pero' fis-snin indikati fit-tahrika, kif inghad, ma kellhiex impjegati maghha.

**10.** Fi ftit kliem, l-imputazzjoni ma tistax tirrizulta fil-konfront tas-socjeta' Rapa Showrooms Company Limited ghaliex din kienet in regola mal-ligi; ma tistax tirrizulta fil-konfront ta' Rapa Brothers Company Limited ghaliex fis-snin relevanti din ma kienx ghad ghanda persuni impjegati maghha; u konsegwentement anqas tista' tirrizulta l-imputazzjoni fil-konfront tal-imputat appellant.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tilqa' l-appell ta' Guda Taddeus Rapa u thassar is-sentenza appellata u b'hekk tillibera lill-appellant minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------